MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2010

Numru 1161/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**RICHARD SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Richard Spiteri bin missier mhux maghruf u Mary Rose Spiteri, mwieled Pieta’ nhar l- 20 ta’ Frar 1971, residenti Flat 4, George Flat Triq il- Bacir, Msida u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 118271M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 3 ta' Novembru 2010 ghal habta tal- 11.00hrs gewwa l- Belt Valletta;

1) ikkommetta serq ta' choker tad- deheb ta' valur li jeccedi €232.94 izda inqas minn €2329.37 liema serq huwa aggravat bil- Valur, ghad- detriment ta' Josef Seychell u dan bi ksur tal- Artikolu 261 (c) u 267 tal- Kap 9;

2) aktar talli laqa' ghandu jew xtara oggett li l-valur tieghu jeccedi €232.94 izda mhux aktar minn €2329.37, liema oggett kien misruqa, mehud b' qerq jew akkwistat b' reat u dan bi ksur tal- Artikolu 334 (a) tal- Kap 9;

3) fid- 9 ta' Settembru 2010 ghal habta tal-11.30hrs minn gewwa l- hanut Dorothy Perkins sitwat fi Triq Merkanti Valletta, ikkommetta serq ta' dublett ta' valur li jeccedi €23.29 izda inqas minn €232.94 liema serq huwa kkunsidrat bhala serq semplici, u dan bi ksur tal-Artikolu 284 u 285 tal- Kap 9;

4) aktar talli b' hekk ghamel reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' zewg Ordnijiet ta' Probation wahda ghal 3 snin li giet imposta fuqu mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D b' sentenza datata 25 ta' Mejju 2010 u ohra ghal 3 snin li giet imposta fuqu mill- Magistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D b' sentenza datata 6 ta' Ottubru 2010;

5) u aktar talli b' hekk renda ruhu recidiv b' diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6) kif ukoll kiser kundizzjonijiet tal- liberta' provizorja imposta mill- Qorti presedtua mill- Magistrat Dr. Silvio Meli LL.D fil- 31 ta' Ottubru 2010 f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht garanzija personali ta'

€1,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal- Artikolu 579 (2) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, fl-istadju tal-esami tieghu ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, u ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza. Il-Qorti giet infurmata wkoll bir-retroxena ta' dan il-kaz, peress illi l-istess imputat ta stqarrija guramentata minnu fir-rigward ta' terz li kien qed igieghelu jaghmel dawn ir-reati u aktar. Di fatti, ghandhom jittiehdu proceduri kontra terzi bis-sahha ta' din l-informazzjoni.

Madankollu, il-Qorti trid taghti l-piena ghal dan ir-reat ammess minnu, bit-temperanza fil-piena minhabba fic-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar ta' dan il-kaz, izda konxja u ferma li l-piena trid ukoll tirrispekkja l-imputazzjonijiet fi hdan il-parametri permessi bil-ligi. Il-Qorti rat ukoll li l-imputat wera x-xewqa li jibda program ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga, u ghalhekk il-Qorti sejra tikkundanna lill-imputat terminu ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261 (c), 267, 334 (a), 284, 285, 49, 50, 289 u 579 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------